# SLIEM

*(Mit-Taljan)*

Ħelwa ma' l-ward titbewwes
fi tlugħ ix-xemx il-fewġa,
tisma' fil-bogħ'd iġġelben
ta' l-ilma ġieri l-mewġa,
u fuk is-siġar jgħannu
f'sakra ta' mħabba w ferħ,
l-agħsafar, jew jittajru
fid-dawl bla heda u serħ.

Fuq il-għoljiet xemxija,
fuq wileġ fuq widien,
miegħek nixtieq nittajjar,
O sħaba; kullimkien
miegħek nixtieq insiefer
taħt sema ikħal bħan-nir,
ħieles mir-rbit tad-dinja,
mill-qerq u mit-taqdir.

'Tini, Mulej, nitolbok,
l-hena ta' ruħ mostura,
semmagħni l-għanja kbira
li troddlok in-Natura;
darba ħlomt ġieħ u kobor,
u ward u għana w ġid;
is-sliem issa nitolbok,
is-sliem tiegħek irrid.

Għax tgħaddi, tmur il-fewġa,
Fil-ġonna l-ward jitbiel;
tinħall fix-xita s-sħaba,
ta' xejn ma jibqa' ħiel;
taħrab kull tama sbejħa
fl-aħħar minn qalb kullħadd,
biss ta' l-imħabba safja
il-għanja ma tmut qatt.

**Dun Karm**

# F'ART TWELID ABRAM

Il-ħajra li nżur il-Mużew ta' Londra, tnisslet fija sa minn mindu kont għadni Student tal-Filosofija, meta, għal bosta drabi kont nisma' l-Prof. Mons. Salvu Grech igħid: "L-aqwda xewqa li għandi li mmur Londra, biex nara "l-*British Museum*". Miet u din ix-xewqa ma qatagħha qatt. Niżżi hajr l'Alla li jien kelli x-xorti li mort Londra qatigħ u dejjem bil-kliem tal-mejjet Professur rasi medhija, kont insib il-għaxqa tiegħi, indur u nara f'dawk is-Swali bla għadd, kull ma nstab moħbi fl-art, wirt taż-żmenijiet il-qodma. Iva l-Mużew ta' Londra hu l-ewwel tad-Dinja għall-kobor u għall-għana. F'nofsu sewwa hemm il-Librerija, għamla qagħqa, bħall-knisja tal-Mosta, iżda xi daqxejn ikbar, mimlija bil-kotba li nistgħu nsejħulhom ta' żmenijietna pal-ċmini, kotba tal-minjatura, manuskritti, u l-kotba kollha li inkitbu mindu Wittenberg fl-1455 inventa l-Istampa sal-jum li ninsabu fih. Is-swali l-oħra jinsabu imburġati b'papiri, ħaġar, irħam, basalt, ġranit, imnaqqax b'ġeroglifiċi, b'kitba kuneiformi, ta' kull ġens qadim tad-dinja, minn żmien Abram u minn qabel ukoll, sal-lum. Imbagħad statwi, mummi, foħħar, deheb, fidda, bronż. Fi ftit kliem tgħidulix x'hemm f'dan il-Mużew, imma x'ma hemmx. Fih f'kelma waħda il-ħrafa tad-dinja u l-ħrejjef ta' kollha kemm huma l-ġnus li għadhom, li kienu u ntemmu, imnaqqxa fil-bronż, fil-ħaġra jew fil-foħħar.

Ma' idek ix-xellugija, kif tidħol il-bieb il-kbir, issib l-ewwel sala, tassew kbira, u f'nofsha fiha l-magħrufa *Rosetta Stone*—ħaġra tal-basalt, imnaqqxa b'kitba kuneiformi u b'ġeroglifiċi, li lill-għorrief tahom il-muftieħ biex għarfu il-kliem li hemm imnaqqax fil-knejjes, fl-isfinġi u fl-obeliski tal-Eġittu il-Qadim. Il-quddiem ftit ieħor; u max-xellug tinżel ġo indana fejn hemm il-ġabra tal-fdal tas-Saltna Siro-Babilonin, l-iktar ġnus sa issa magħrufa qodma, u li kellhom ċiviltà. Minn din il-ġabra ta' foħħar, irħam, xbihat kitba, wieħed kien jaħseb li l-ewwel Sultan li għaqqad il-ġnus f'għaqda waħda, bena belt u ta l-ewwel liġi bil-miktub kien il-kbir Sultan Hammurabi—aktarx Amrapher, Sultan ta' Sennaar li għex 2,000 sena qabel Kristu. Kif kont indur u nħares lejn il-vetrini u nifli d-deheb, il-fidda, l-îdli, ix-xbihat ta' bhejjem b'rashom ta' bnedmin, u bnedmin rashom ta' ajkla u x'naf jien, nisma' ħsejjes ta' riġlejn, inħares u nilmaħ Professur, imdawwar b'ħafna nies, sejjer